# IT-TIELET PARTI — QORTI TAL-KUMMERĊ

9 ta' Jannar, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

John Axiaq *versus* Domenico Mifsud et.

**Serviġi — Gratuwità.**

*Il-ġurisprudenza tagħna hija konkordi fil-prinċipju li tista' tkun dovuta merċedi għal serviġi prestati, anki jekk mhux pattwita, meta mill-kontest taċ-ċirkustanzi jidher li l-ħlas hu dovut.*

*Il-prestazzjoni gratuwita ma għandhiex tkun preżunta, u l-intenzjoni li wieħed jirrinunzja għall-kumpens ma għandhiex tiġi faċilment akkolta. U kull serviġju għandu jiġi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkustanzi kuntrarji li jistabbilixxu konkludentement il-gratuwità, sija pure meta hemm relazzjonijiet ta' parentela.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li hu rrenda xogħol ta' "book-keeper" (a) lill-konvenut Domenico Mifsud għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awissu 1949, jew dati verjuri, billi żammlu l-kotba tan-negozju ta' buffet fl-Anglo-Maltese League Club, Merchants Street, Valletta, u (b) lill-konvenuti kollha għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 1949 sal-31 ta' Diċembru 1949, jew dati verjuri, billi żammilhom il-kotba tan-negozju (allura ġestit mill-konvenuti flimkien) ta' buffet fl-imsemmi Anglo-Maltese League Club, u (c) lill-konvenuti kollha għall-perijodu mill-1 ta' Awissu 1949 sal-31 ta' Diċembru 1949, jew dati verjuri, billi żammilhom il-kotba tan-negozju ta' buffet fil-King's Own Band Club, Kingsway, Valletta; u talab li (1) rigward il-konvenut Domenico Mifsud jiġi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bżonn per mezz ta' periti nominandi, il-kumpens dovut lill-istess attur talli żamm il-kotba tan-negozju fuq imsemmi fl-Anglo-Maltese League Club, Valletta, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 1949 sal-31 ta' Awissu 1949, jew dati verjuri, u konsegwentement jiġi kundannat iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat għar-raġunijiet fuq imsemmija; (2) rigward il-konvenuti kollha flimkien u "in

solidum" (a) jiġi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bżonn per mezz ta' periti nominandi, il-kumpens dovut lill-istess attur talli (i) għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 1949 sal-31 ta' Diċembru 1949, jew dati verjuri, huwa żammilhom il-kotba tan-negozju ta' buffett fl-Anglo-Maltese League Club, Merchants Street, Valletta, ġestit mill-konvenuti flimkien, (ii) għall-perijodu mill-1 ta' Awissu 1949 sal-31 ta' Diċembru 1949, jew dati verjuri, huwa żammilhom il-kotba tan-negozju ta' buffet fil-King's Own Band Club, Kingsway, Valletta, ġestit mill-konvenuti flimkien, u (b) konsegwentement jiġu kundannati jħallsu l-ammonti hekk likwidati għar-raġunijiet fuq imsemmija. Bl-imgħaxijiet kummerċjali u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Novembru 1950, kontra l-konvenuti li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat, dwar il-pont jekk l-attur għandux dritt għal kumpens (ara digriet mogħti fuq ir-rikors fol. 23);

Minn fuq il-mitt sena 'l hawn il-ġurisprudenza nostrali hija konkordi fil-prinċipju li tista' tkun dovuta merċedi, anki jekk mhux pattwita, meta mill-konkors taċ-ċirkustanzi jidher li l-ħlas hu dovut (Prim'Awla "Cutajar vs. Falzon", 2 ta' Jannar 1843, fuq l-awtorità ta' deċiżjonijiet rotali). Ġie dejjem ritenut li l-prestazzjoni gratuwita ma għandhiex tkun preżunta, u l-intenzjoni li wieħed jirrigala s-serviġi tiegħu u jirrinunzja għall-kumpens ma għandhiex tiġi faċilment akkolta (ara Prim'Awla "Felice vs. Vella", 22 ta' Ġunju 1875). Anki f'każ ta' parenti, il-preżunzjoni kuntrarja tal-gratuwità rikonoxxuta mill-ġurisprudenza antika (Prim'Awla "Micallef vs. Muscat", 29 ta' Marzu 1862; Appell "Micallef utrinque", 29 ta' Jannar 1894; u Prim'Awla "Wyat utrinque", 18 ta' Ottubru 1898) ġiet temperata fil-ġurisprudenza reċenzjori, li qalet li kwalunkwe serviġju għandu jiġi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkustanzi kuntrarji li jistabbilixxu konkludentement il-gratuwità, sija pure meta hemm relazzjonijiet ta' parentela (Prim'Awla "Gauci vs. Camilleri", 30 ta' Ġunju 1917; Appell "Frendo vs. Galea", 30 ta' Jannar 1922);

L-attur għalhekk hu assistit b'din il-preżunzjoni tan-non-

gratuwità. Bejnu u bejn il-konvenuti ma hemm ebda relazzjoni *ta' parentela; l-entità tas-servigi u x-xorta taghhom hi* tali li verosimilment ma jigux prestati b'xejn;

Din il-preżunzjoni ma gietx eskluża bi provi kuntrarji............... Del resto, hu aktar verosimili (kif xehed l-attur) illi, meta l-konvenut Mifsud qal lill-attur "Qieghed naghmel il-kotba, nixtieq naghmilhom sewwa, iżda ma nistax inhallas", l-attur irrispondih "Bħala ħabib tiegħi ma nafsekx" — ċirkustanza li tista' tinfluwixxi fuq il-pont tal-"quantum meruit", imma mhux fuq dak ta' l-"an meruit";

*Għalhekk il-Qorti tiddikjara illi lill-attur jisthoqqlu* kumpens tax-xogħol li għamel; bl-ispejjeż ta' din id-dikjarazzjoni kontra l-konvenuti;

Il-kawża tibqa' rinvijata għall-udjenza tat-30 ta' Jannar 1952, għall-kontinwazzjoni u kull provvediment ieħor li jkun hemm bżonn.